

**Brussell, 26 ta' Jannar 2022
(OR. fr)**

5664/22

**DENLEG 11
FOOD 8
SAN 54**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	24 ta' Jannar 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D077132/3
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għad-diaċetat tas-sodju (E 262 (ii))

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D077132/3.

Mehmuż: D077132/3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANTE/11292/2021
(POOL/E2/2021/11292/11292-EN.docx)
D077132/03
[...] (2021) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għad-diaċetat tas-sodju (E 262 (ii))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 li jistabilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet għad-diaċetat tas-sodju (E 262 (ii))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enzimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel², u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012³ jistabilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (2) L-ispeċifikazzjonijiet tal-addittivi tal-ikel jistgħu jiġu aġġornati f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara applikazzjoni minn Stat Membru jew minn parti kkonċernata.
- (3) Fit-3 ta' Awwissu 2020, tressqet applikazzjoni biex jiġu emendati speċifikazzjonijiet li jikkonċernaw l-addittiv tal-ikel diaċetat tas-sodju (E 262(ii)). L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 231/2012 jipprevedi li d-diaċetat tas-sodju (E262(ii)) irid ikun fih bejn 39% u 41% ta' aċidu aċetiku ħieles u bejn 58% u 60% ta' aċetat tas-sodju. L-applikant qed jitlob li dawn jiġu emendati għal bejn 39% u 43% ta' aċidu aċetiku ħieles u bejn 57% u 60% ta' aċetat tas-sodju.

¹ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

² ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1).

- (5) Skont l-applikant meta jiġi prodott id-diaċetat tas-sodju (E 262(ii)) jinkiseb prodott stojkjometriku b'kontenut ta' 42,3% aċidu aċetiku ħieles. L-applikant jasserixxi li t-tnaqqis tal-kontenut ta' aċidu aċetiku ħieles għal bejn 39% u 41% jirrikjedi ammonti eċċessivi ta' enerġija. Għalhekk, jekk il-limitu massimu għall-aċidu aċetiku ħieles jiżdied għal 43% dan inaqqas il-ħin tat-tnixxif waqt il-produzzjoni, u b'hekk titnaqqas l-enerġija meħtieġa għall-produzzjoni, u l-proċess ikun aktar sostenibbli.
- (6) Skont l-applikant ma hemmx bidliet oħra fil-proċess ta' produzzjoni, l-ammont oġġla ta' aċidu aċetiku ħieles fid-diaċetat tas-sodju (E 262(ii)) ma għandux impatti fuq is-sikurezza, u appartu din il-bidla msemmija, il-prodott jibqa' l-istess, jiġifieri ma fihx impuritajiet għajr dawk speċifikati fir-Regolament (UE) Nru 231/2012.
- (7) L-applikazzjoni ġiet diskussa mill-Grupp ta' Ħidma tal-Esperti Governattivi dwar l-Addittivi. Filwaqt li qieset l-informazzjoni pprovduta mill-applikant u l-feedback li wasal mingħand il-Grupp ta' Ħidma, il-Kummissjoni waslet għall-fehma li l-emenda proposta fl-ispeċifikazzjonijiet tad-diaċetat tas-sodju (E 262 (ii)) mhix mistenni li jkollha effett fuq is-saħħa tal-bniedem.
- (8) Billi ż-żieda tal-limitu massimu għall-kontenut ta' aċidu aċetiku ħieles fid-diaċetat tas-sodju (E 262(ii)) minn 41% għal 43% mhuwiex mistenni li jkollha effett fuq is-saħħa tal-bniedem, mhuwiex meħtieġ li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 jiġi emendat skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN